National Book Council
Central Public Library
Prof. Joseph J. Mangion Street
Floriana FRN 1800
Malta EU

+356 27131574
joe.debattista@gov.mt

www.ktieb.org.mt

**IL-KUNSILL NAZZJONALI TAL-KTIEB**

**Regolamenti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb**

**Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-Adulti (PNK) u l-Premju Terramaxka għat-Tfal u l-Adoloxxenti (PT) 2019**
**(Kotba 2018)**

## I. Definizzjonijiet u Struttura

**Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, organizzat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb,** huwa l-ogħla premju fid-dinja tal-ktieb Malti, mogħti lill-awturi, pubblikaturi u illustraturi għal xogħol ippubblikat lokalment is-sena ta' qabel.

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huwa maqsum fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-Adulti (PNK) u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għat-Tfal: Premju Terramaxka (PT).

Il-finalisti u r-rebbieħa fit-tmien kategoriji tal-PNK u s-sitt kategoriji tal-PT huma magħżula minn bord indipendenti tal-aġġudikazzjoni. Il-membri tal-bord isegwu għadd ta' kriterji fl-evalwazzjoni tagħhom biex jiżguraw l-ogħla grad ta' trasparenza u professjonalità kif xieraq għal premji tant importanti u prestiġjużi.

Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijiet għall-PNK issir fil-Berġa ta' Kastilja taħt il-patroċinju tal-Prim Ministru.

Iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premijiet għall-PT issir fil-ftuħ tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

**Għal skopijiet ta' dawn ir-regolamenti l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qiegħed jagħti dawn id-definizzjonijiet:**

**Awtur** – kittieb ta' xogħlijiet kreattivi ta' natura oriġinali (ħlief fil-każ tat-traduzzjoni).
**Ktieb** – ktieb mitbugħ u anki *ebook* li għandu ISBN maħruġ mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
**Pubblikatur** – persuna jew grupp ta' persuni li ppubblikaw mill-inqas ktieb wieħed.

## II. Eleġibbiltà

1. Il-kategoriji kollha tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb minbarra dawk tat-traduzzjoni, huma bilingwi, bil-Malti u bl-Ingliż.

2. Data tal-pubblikazzjoni tal-ktieb: 2018.

3. Il-ktieb irid ikun fih mhux inqas minn 80% tal-kontenut li ma kienx ippubblikat qabel.

4. In-numru tal-ISBN irid ikun maħruġ mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

5. Ma jkunx rebaħ premju diġà f'wieħed mill-premjijiet tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

6. Ikun sar depożitu legali tal-pubblikazzjoni fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta.

## III. Il-Premjijiet

1. F'kull kategorija, minbarra dawk tat-traduzzjoni għat-tfal (PT), jingħata premju ta' €4,000, trofew u ċertifikat lill-kotba li jġibu iktar minn 90 marka. Fil-kategoriji tat-traduzzjoni għat-tfal u l-adoloxxenti (PT) jingħata l-premju ta' €2,000, it-trofew u ċ-ċertifikat.

2. Kull kategorija jista' jkollha rebbieħ/a, u ma jistgħux jingħataw aktar minn premju wieħed f'kull kategorija.

3. Fil-kategoriji tal-kotba oriġinali għat-tfal (mhux tradotti), l-illustratur huwa eleġibbli għall-premju daqs l-awtur – il-premju jinqasam bejniethom.

4. Jingħata wkoll ċertifikat lill-pubblikaturi ta' kull ktieb rebbieħ f'kull kategorija (PNK u PT) kif ukoll ċertifikat lil dawk l-awturi u pubblikaturi li l-kotba tagħhom ikunu ġew innominati.

5. Kull ktieb se jiġi evalwat mill-bord tal-aġġudikazzjoni skont kriterji mħejjija mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Il-bord tal-aġġudikazzjoni jinnomina numru ta' kotba f'kull kategorija biex imbagħad jiġu ppremjati l-aħjar kotba, dejjem jekk jintlaħaq il-livell mixtieq. Il-Bord jista' jiddeċiedi li ma jingħatax il-premju jekk ma jkun hemm l-ebda ktieb li jissodisfa numru ta' kriterji.

6. Fl-aħħar ġimgħa ta' Awwissu titħabbar il-lista ta' kotba finalisti f'kull kategorija tal-PNK u l-PT.

## IV. Il-Kategoriji

**<u>Adulti (PNK)</u>**

1. Ir-rumanz
2. In-novella
3. Il-poeżija
4. Id-dramm
5. Ir-Riċerka Bijografika u Storjografija
6. Ir-Riċerka ta' natura ġenerali
7. Il-Letteratura mhux fittiva
8. It-traduzzjoni*

**<u>Tfal u adoloxxenti (PT)</u>**

1. Kotba għat-tfal (etajiet 0-7)
2. Kotba għat-tfal (etajiet 8-12)
3. Kotba għall-adoloxxenti (etajiet 13-16)
4. Kotba maqlubin għall-Malti (etajiet 0-7)*
5. Kotba maqlubin għall-Malti (etajiet 8-12)*

6. Kotba maqlubin għall-Malti (etajiet 13-16)*

Premji oħra

1. Jingħataw ukoll trofew u ċertifikat ta' mertu lid-dar ta' pubblikazzjoni li pproduċiet il-ktieb bl-isbaħ dehra għas-sena 2018. Dan il-premju ta' €4,000 qed jingħata kemm lil publikazzjonijiet fil-PNK kif ukoll lil dawk fil-PT.

2. Jingħataw trofew, ċertifikat ta' mertu u premju ta' €4,000 lil dik il-persuna li tkun tat kontribut siewi fil-letteratura jew fil-qasam tal-ktieb. Dan il-premju jiġi aġġudikat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Jitħabbar biss l-isem tar-rebbieħ/a.

3. Jingħataw trofew, premju ta' €4,000 u ċertifikat ta' mertu lill-awtur/awtriċi li bdiet tikteb riċentament u ddistingwixxiet ruħha bil-kitba u l-kotba tagħha. Dan il-premju jiġi aġġudikat mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Jitħabbar biss l-isem tar-rebbieħ/a.

4. Ir-rebbieħ tal-PNK fil-kategorija tal-poeżija, u li jkun diġà rebaħ xi premju jew ieħor tal-KNK, jingħata t-titlu ta' Poeta Lawreat, u jingħata s-somma ta' €4,000 maqsuma f'erba' ħlasijiet indaqs kull sena. Il-poeta jkun marbut li jikteb ammont sostanzjali ta' poeżija li tkun ippubblikata f'ġabra waħda.

   *Għal dawn il-premji, it-traduzzjonijiet aċċettati huma biss dawk ta' testi letterarji maqlubin għall-Malti minn waħda minn dawn il-lingwi: (a) l-Ingliż; (b) it-Taljan; (ċ) il-Franċiż; (d) l-Ispanjol; (e) il-Ġermaniż. F'każijiet ta' traduzzjoni minn kwalunkwe lingwa oħra għall-Malti, il-ktieb li jiġi ppreżentat għall-premju jrid ikun akkumpanjat ukoll minn *bridge language text* bl-Ingliż. Il-kotba li jiġu tradotti mill-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż, l-Ispanjol u l-Ġermaniż iridu jkunu akkumpanjati b'verżjoni oriġinali. Jekk il-ktieb li jiddaħħal għall-premju ma jkollux miegħu il-verżjoni oriġinali jew *bridge language text* skont il-każ ma jitqiesx bħala eleġibbli.

## V. Sottomissjonijiet

Il-parteċipanti jridu jissottomettu applikazzjoni għal kull ktieb permezz ta' formola li tinsab fuq is-sit tal-KKN: www.ktieb.org.mt.

Jistgħu jressqu x-xogħol tagħhom: l-awturi jew min għandu d-dritt tal-awturi bil-kunsens tal-pubblikaturi; il-pubblikaturi bil-kunsens tal-awturi jew min għandu d-dritt tal-awturi.

Kull parteċipant għandu jindika eżatt f'liema kategorija qed idaħħal il-ktieb tiegħu. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jirriserva d-dritt li jibdel il-kategorija indikata mill-awturi u/jew pubblikaturi jekk, fl-opinjoni ta' bord maħtur apposta, ix-xogħol ikun iddaħħal fil-kategorija żbaljata mill-parteċipant. F'dan il-każ il-parteċipanti jiġu infurmati.

Il-parteċipanti għandhom jibagħtu **erba' kopji** tal-ktieb f'dan l-indirizz:

**Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2019**
**Attn. Is-Sur Michael Mercieca**
**Il-Librerija Pubblika Ċentrali**
**Triq Joseph J. Mangion**
**Floriana FRN 1800**

L-erba' kopji (li ma jintraddux lura) għandhom jaslu l-Librerija Pubblika Ċentrali mhux aktar tard minn **nofsinhar tat-Tnejn, 16 ta' April 2019.**

***Kull deċiżjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hija finali.***

National Book Council
Central Public Library
Prof. Joseph J. Mangion Street
Floriana FRN 1800
Malta EU

+356 27131574
joe.debattista@gov.mt

www.ktieb.org.mt

**THE NATIONAL BOOK COUNCIL**

**Regulations for The National Book Prize**

**National Book Prize for Adults (NBP) and the Terramaxka Prize for Children and Adolescents (TP) 2019**
**(Books 2018)**

## I. Definitions and Structure

**The National Book Prize, organised by the National Book Council,** is the highest literary prize in the Maltese book scene assigned to authors, publishers and illustrators for work published locally the year before.

The National Book Prize is comprised of the National Book Prize for Adults (NBP) and the Terramaxka Prize, the National Book Prize for Children and Adolescents (TP).

The shortlisted titles and the winning titles in the 8 categories of the NBP and the 6 categories of the TP are selected by an independent board of adjudication. The members of this board are obliged to follow a set of criteria in their evaluation in order to ensure the highest degree of transparency and fairness as is appropriate for such important and prestigious prizes.

The prize-giving ceremony for the NBP is held at Auberge de Castille under the patronage of the Prime Minister.

The prize-giving ceremony for the TP is held during the opening night of the National Book Festival.

**For the purposes of these regulations, the National Book Council is providing these definitions:**

**Author** – the writer of creative works of an original nature (except for cases of translation).
**Book** – a printed as well as ebook with an ISBN issued by the National Book Council.
**Publisher** – an individual or group of individuals that have published at least one book.

## II. Eligibility

1. All the categories of the National Book Prize, excluding the translation categories, are bilingual (Maltese and English).

2. Publication date: 2018.

3. 80% of the book's content must not have been published before.

4. The ISBN number must be issued by the National Book Council.

5. The book must not have won a prize in any of the previous competitions organised by the National Book Council.

6. A copy of the publication must be already legally deposited at the National Library of Malta.

## III. The Prizes

1. An award of a €4,000, a trophy and a certificate will be awarded for entries in every category which have exceeded 90 marks, excluding the translation categories for children and adolescents. In these translation categories for children and adolescents an award of €2,000 is given, alongside a trophy and a certificate.

2. One prize may be selected from each and every category, and no more than one prize is to be allocated to each category.

3. In the Terramaxka categories for original books for children and adolescents (not translated), the illustrator is as eligible for a prize as the author, and the prize will be divided between the the writer and the illustrator.

4. A certificate will be awarded to the publishers of the winning books in every category of the NBP and TP, as well as to every author and publisher whose book has been shortlisted.

5. Every book will be evaluated according to criteria set down by the National Book Council. The Adjudicating Board will be shortlisting a number of books in each category in order to award the best publication, only if the required level (90 marks) is reached. The Board may not award the prize if there is no publication that satisfies a number of the set criteria.

6. On the last week of August the shortlisted nominees for all categories in both the NBP for adults and the TP will be announced.

## IV. The Categories

**Adults (NBP)**

1. Novels
2. Short-stories
3. Poetry
4. Drama
5. Works in general research
6. Works in biographical and historiographic research
7. Literary non-fiction
8. Translation*

**Children and Adolescents (TP)**

1. Books for children (ages 0-7)
2. Books for children (ages 8-12)
3. Books for adolescents (ages 13-16)
4. Books translated into Maltese (ages 0-7)*

5. Books translated into Maltese (ages 8-12)*
6. Books translated into Maltese (ages 13-16)*

*For these prizes, only translations of literary texts into Maltese from the following languages will be accepted: (a) English; (b) Italian; (c) French; (d) Spanish; (e) German. In cases of translations from any other language into Maltese, the submitted publication must be accompanied by a *bridge language text* in English. Books translated from English, Italian, French, Spanish and German must be accompanied by the original version of the work in question. Books submitted for the competition unaccompanied by the original version or *bridge language text* will not be considered as eligible.

<u>Other prizes</u>

1. A trophy, certificate of merit and a prize of €4,000 will also be awarded to the publishing house that has produced the best looking book for 2018. This prize can be awarded for any of the publications in the NBP and the TP sections of the National Book Prize.

2. A trophy, certificate of merit and a prize of €4,000 will be awarded to the writer who has given a notable contribution to the fields of literature or book publishing (Lifetime Achievement Award). This prize is adjudicated by the National Book Council. Only the name of the winner will be announced.

3. A trophy, a prize of €4,000 and a certificate of merit will be awarded to an emergent author who started writing recently and who has distinguished himself/herself by his/her writings and books. This prize is adjudicated by the National Book Council. Only the name of the winner will be announced.

4. A prize-winner who wins the poetry prize, and that has previously won any prize of the National Book Council, shall be given the title of Poet Laureate with a total money sum of €4,000, granted in four equal instalments on a yearly basis. The prize will be given on the condition that the poet writes a substantial amount of poetry which can be published as a single collection.

## V. Submissions

Participants must submit an application for every book entered for the competition. The application form can be found on the NBC's site: [www.ktieb.org.mt](http://www.ktieb.org.mt)

Entries for the competition may be submitted by: the authors themselves or those who own the authors' publishing rights with the consent of the publishers; as well as publishers with the consent of the authors or those who own the authors' rights.

Entrants are to indicate clearly under which category the book is being entered. The National Book Council reserves the right to change a category indicated by the authors and/or publishers if, in the opinion of the pre-adjudicating board, it is decided that works were entered in the wrong category. In this case participants will be informed accordingly.

Participants are to deliver **four copies** of the book to this address:

**National Book Prize 2019**
**Attn. Mr Michael Mercieca**
**The Central Public Library**
**Joseph J. Mangion Street**
**Floriana FRN 1800**

The four copies submitted (not returnable) should reach the offices of the National Book Council not later than **noon, Monday, 16 April 2019.**

***All decisions taken by the National Book Council are final and binding.***